TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016

Avviz Numru 17/2016

**Registratur Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

**Vs**

**Joseph Galea**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu l-attur talab hlas minn ghand il-konvenut fl-ammont ta' tlett elef mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€ 3138.83) rapprezentanti drittijiet tar-registru fil-kawza numru 43/1986 fl-ismijiet Joseph Galea pro et noe vs Maria Camilleri deciza fil-5 ta' Marzu 2002. Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 327/15 u bl-imghax.

Il-konvenut irrisponda billi fl-ewwel lok issoleva l-preskrizzjoni fit-termini ta' l-artikolu 2156 (g) tal-Kap 16 u fit-tieni lok billi sahaq li ma huwiex debitur.

Ra' l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni.

Sema l-provi u ra' t-traskrizzjonijiet tax-xhieda.

Ra' d-dokumenti esebiti; kif ukoll l-atti tar-rikors numru 327/2015 fl-ismijiet inversi

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni li trid tigi trattata hi dik tal-preskrizzjoni moghtija fit-termini ta' l-artikolu 2156 (g) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jippreskrivi bid-dekors ta' hames snin.

*Salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra.*

Il-kawza fil-prim istanza giet decia fil-5 ta' Marzu 2002. Min naha l-ohra l-appell gie deciz fl-1 ta' Lulju 2005.

Dak li qed jintalab huma d-drittijiet tal-prim istanza skond taxxa li tidher a fol 22 ta' process mahruga fit-12 ta' April 2002.

Il-preskrizzjoni tibda' tiddekorri min dakinhar illi l-ammont sar dovut u allura minn meta l-kreditur seta' jmexxi ghal hlas tieghu. Dan kien fid-data tal-hrug tat-taxxa ufficcjali.

It-Tribunal jemmen lil Dr. Mary Debono Borg illi l-konvenut talabha sabiex ihallas dak dovut minnu wara d-decizjoni ta' l-appell. U ma jemminx lil konvenut illi qal li mhux vera tkellem maghha fiz-zmien ta' bejn d-decizjoni tal-prim istanza u l-appell.

Ghalhekk bi qbil reciproku l-partijiet estendew id-data meta l-hlas kellu jkun dovut id-decizjoni ta' l-appell li inghatat fl-1 ta' Lulju 2005. Dakinhar il-kreditu favur l-attur rega sar dovut. U l-preskrizzjoni kellha tiddekorri minn dakinhar.

Pero jirrizulta illi minn dak iz-zmien il-quddiem l-ewwel azzjoni tal-attur kienet ittra ufficcjali tat-18 ta' Mejju 2015 li b'verbal fl-atti tar-rikors 327/15 giet irtirata bl-effetti taghha b'kollox.

Ma jirrizultax illi l-partijiet qatt regghu tkellmu bejniethom wara s-sentenza ta' l-appell.

L-ittra ufficcjali saret ferm wara li l-obbligazzjoni giet estinta bil-preskrizzjoni u l-ittra ufficcjali qatt ma seta' kellha l-effetti li terga tirriavviva dik l-obbligazzjoni. Di piu l-ittra ufficcjali giet imhassra minn min ghamilha.

Ghalhekk jirrizulta illi mis-sentenza ta' l-appell sad-data ta' din il-kawza ma kien hemm xejn x'jinterrompi l-preskrizzjoni li dan it-Tribunal jqis li ghalqet fl-1 ta' Lulju 2010 (hames snin wara s-sentenza ta' l-appell).

Illi fid-dawl ta' dan l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawa billi jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija; jiddikjara l-kreditu pretiz bhala preskritt fit-termini ta' l-artikolu 2156 (g) tal-kap 16; u konsegwentament jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur